

Il-Ħamis, 30 ta' Novembru 2006

4. L-ammonti rkuprati mill-Fond matul is-Seba' Programm ta' Qafas ser jikkostitwixxu dħul assenjat lilu fit-tifsira ta' l-Artikolu 18(2) tar-Regolament Finanzjarju.

Ladarba l-implimentazzjoni ta' l-għotjiet kollha taħt is-Seba' Programm ta' Qafas tkun kompluta, kwalunkwe somma li tibqa' mill-Fond tkun irkuprata mill-Kummissjoni u tiddaħħal fil-baġit tal-Komunità, soġġetta għal deċiżjonijiet dwar it-Tmien Programm ta' Qafas.

P6_TA(2006)0515

Suq ta' oġġetti pirotekniċi *I**

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tqegħid fis-suq ta' oġġetti pirotekniċi (COM(2005)0457 — C6-0312/2005 — 2005/0194(COD))

(Proċedura ta' kodeċiżjoni: l-ewwel qari)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2005) 0457) ⁽¹⁾,
- wara li kkunsidra l-Artikolu 251(2) u l-Artikolu 95 tat-Trattat KE, skond liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C6-0312/2005),
- wara li kkunsidra l-Artikolu 51 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur (A6-0289/2006),

1. Japprova l-proposta tal-Kummissjoni kif emendata;
2. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-proposta lill-Parlament jekk ikollha l-ħsieb li temenda l-proposta b'mod sustanzjali jew li tibdilha b'test ġdid;
3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

⁽¹⁾ Għadha mhux ippubblikata fil-ĠU.

P6_TC1-COD(2005)0194

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fit-30 ta' Novembru 2006 bil-ħsieb ta' l-adozzjoni tad-Direttiva 2006/.../KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tqegħid fis-suq ta' oġġetti pirotekniċi

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 95 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ⁽¹⁾,

Waqt li jaġixxu skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 251 tat-Trattat ⁽²⁾,

⁽¹⁾ ĠU C 195, 18.8.2006, p. 7.

⁽²⁾ Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tat-30 ta' Novembru 2006.